A.L. 94 ta' l-1980

ATT TA' L-1971 DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KWALITA' (ESPORTAZZJONIJIET, IMPORTAZZJONIJIET U OĠĠETTI LOKALI)

(ATT NRU. XIII TA' L-1971)

Ordni ta' l-1980 dwar il-Grad ta' Kapaċità ta' Batteriji ta' l-Istarter (Ordni Nru. M5 ta' l-1980)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1971 dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali) u skond dak l-artikolu, il-Bord ta' *Standards* ta' Malta għamel l-ordni li ġej:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1980 dwar il-Grad ta' Kapaċità ta' Batteriji ta' l-I*starter* u jista' jissejjaħ Ordni Nru. M5 ta' l-1980.

1.2. Dan l-ordni għandu jibda jseħħ f'data wara li jgħaddu 20 ġurnata minn meta jitqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati, liema data għandha tkun notifikata mill-Bord b'avviż fil-Gazzetta.

Tifsir.

2.1. F'dan l-ordni għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

2.1.1. "ċellola sekondarja", f'dan l-ordni msejħa "ċellola" tfisser ċellola voltajika li wara d-*discharge* tkun tista' tinġieb lura fil-kondizzjoni kimika meta tkun ġiet iċċarġjata billi jgħaddi minn ġo fiha kurrent f'direzzjoni kontra dik tad-*discharge;*

2.1.2. "cellola ta' aċidu u ċomb" tfisser ċellola li tkun mgħammra bi pjanċi li fiha l-materjali attivi jkunu kif ġej:—

2.1.2.1. *electrode* pożittiv: dijossidu taċ-ċomb,

2.1.2.2. *electrode* negattiv: ċomb *spongy*, u

2.1.2.3. *electrolyte:* aċidu sulforiku dilwit;

2.1.3. "pjanċa" tfisser unità li, waħedha jew fi gruppi, tiġi mgħaddsa fl-*electrolyte* sabiex il-wiċċ tagħha jifforma wieħed mill-*electrodes* sħiħ taċ-ċellola jew parti minnu;

2.1.4. "batterija" tfisser żewġ ċelloli jew iżjed li jkunu permanentement ikkumnikati flimkien elettrikament f'reċipjent wieħed;

2.1.5. "iċċarġjar" tfisser il-passaġġ ta' kurrent elettriku minn ġo ċellola hekk li tinġieb f'kondizzjoni kimika li tkun tista' tipprovdi elettriku lil ċirkwitu estern. Il-kwantità ta' elettriku li hekk tingħata hi magħrufa bħala ċ-*charge,* u soltu titkejjel f'*ampere-hours;*

2.1.6. "*discharging*" tfisser il-kumnikazzjoni ta' ċellola ma' ċirkuwitu estern hekk li enerġija tgħaddi miċ-ċellola għaċ-ċirkuwitu estern. Il-kwantità ta' elettriku li hekk toħroġ hi magħrufa bħala *discharge,* u soltu titkejjel f'*ampere-hours;*

2.1.7. "kapaċità" tfisser il-kwantità ta' elettriku li soltu tkun espressa bħala *ampere-hours* li tista' tittieħed minn ċellola b'rata

stabbilita ta' *discharge* taħt kondizzjonijiet speċifikati ta' vultaġġ u temperatura;

2.1.8. "grad ta' kapaċità jew grad" tfisser il-kapaċità f'*ampere-hours* ta' ċellola mogħtija lilha mill-fabbrikant taħt kondizzjonijiet speċifikati ta' *discharge* kif speċifikat fil-4.1.

Għan.

3.1. Dan l-ordni għandu japplika biss għall-batteriji b'aċidu u ċomb sekondarji ta' grad massimu ta' 200 *ampere-hours* li jintużaw biex titqabbad il-makna u biex jittieħed elettriku ieħor għal vetturi misjuqa b'makni ta' kombustjoni interna.

Grad.

4.1. Il-grad ta' batterija ta' l-*istarter* jingħatalha mill-fabbrikant tagħha u għandu jiġi stmat f'*ampere-hours* li jinkisbu bir-rata ta' 20 siegħa *discharge* sa vultaġġ finali ta' 1.75 *volts* kull ċellola meta tkun *discharged* taħt il-kondizzjonijiet tal-provi kif speċifikat fil-paragrafu 7.1 u b'*electrolyte* b'temperatura medja ta' 25°C.

Ħtiġiet fiżiċi.

5.1. Batteriji għandhom jitqiesu li jkunu skond dan l-ordni jekk, meta jiġu ppruvati skond il-metodu msemmi fil-paragrafu 7.1, il-batterija tagħti l-grad fuq wieħed mit-tliet ċikli.

Tikketta.

6.1. Ebda batteriji mportati jew lokali ma għandhom jinbiegħu, offerti jew murija għall-bejgħ jekk ma jkollhomx tikketta li turi biċ-ċar u li tkun tista' tinqara tajjeb it-tagħrif li ġej:—

6.1.1. l-isem tal-marka jew it-*trade mark*, jew

6.1.2. l-isem u l-indirizz tal-manifattur;

6.1.3. meta l-isem tal-marka ma jitniżżilx f'lista miżmuma mid-Direttur ta' l-Industrja lanqas it-*trade mark* ma tkun reġistrata mal-Kontrollur tal-Proprjetà Industrjali, l-isem u l-indirizz tal-manifattur ikun obbligatorju li jitniżżel fuq it-tikketta.

6.1.4. il-grad tal-kapaċità u l-vultaġġ nominali tagħha.

Kif isiru provi.

7.1. Il-prova tal-grad għandha ssir kif deskritt fil-B.S. 3911:1965 klawżola 7.